



# L-Ark tal-Festa

Fil-Lokalita taz-Żejtun minn dejjem kienu jsiru Festi kbar bil-Poplu Żejtuni ħerqan dejjem biex jipparteċipa fihom. Minbarra l-Festa Titulari ta' Santa Katarina li kienet issir fix-Xitwa u l-Festa ta' San Girgor li kienet tiġbor fir-Raħal taż-Żejtun Kapitli, Qassisin u Fratellanzi minn madwar Malta kollha, kienu jsiru ukoll Festi oħrajn Sekondarji. Dan minbarra l-importanza li dejjem kienet u għad għandha l-Purċissjoni ta' nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

Il-Festi Sekondarji kellhom Fratellanzi ħabrieka ħafna bl-aqwa armar fuq l-Altari tagħhom u xi armar ieħor li kien jintrama mill-bieb 'il-barra tal-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina.

F'dan ir-ritratt li sibt dan l-aħħar f'kollezzjoni privata naraw Ark li kien jintrama f'tarf Triq Santa Katarina kantuniera ma Pjazza Maggiore kif kienet tissejjah dak iż-żmien għal waqt il-jiem tal-Festa ta'Santa Katarina. Dan l-Ark kien jintrama mal bankini tal-bini fejn il-lum hemm il-Każin tal-Banda 'Beland' u l-Każin tal-Football taż-'Żejtun Corinthians'; żewġ binjiet importanti f'din il-lokalita' taż-Żejtun. Kien jintrama fuq żewġ kolonni twal tal-injam iddekorati bl-iskultura fil-waqt li l-parti ta' fuq tiegħu kienet tiġi mtella' permezz ta' parank marbut mal-ħitan taż-żewġ naħat tat-Triq Santa Katarina kif jidher f'dan ir-ritratt.

Fuq il-parti ta' fuq ta' l-Ark kienet tintrama l-Arma taż-Żejtun b'Kuruna fiqha bil-Palma ħierga minnha. Ma kienux jintramaw tazzi taż-żejt ikkuluriti miegħu, l'uzu ta' dawn it-tazzi taż-żejt kien komuni ħafna fl-armar tal-Festi dak iż-żmien. Jista jkun li din kienet l-ewwel darba li kien intrama dan l-Ark u allura kien fadal aktar xogħol xi jsir fuqu. Jista jkun ukoll li minħabba li l-Festa kienet tiġi ċċelebrata f'Novembru, t-Tazzi taż-żejt ma kienux jintużaw ma dan l-Ark minħabba x-xita.

"F'dan ir-ritratt li sibt dan l-aħħar f'kollezzjoni privata naraw Ark li kien jintrama f'tarf Triq Santa Katarina"

Jidher li meta kien jintrama dan l-Ak kien jitqajjem interess kbir fost in-nies taz-Żejtun. Dan jidher minn numru kbir ta' rgiel u tfal li dak in-nhar inġabru għal dan ir-ritratt. Fuq quddiem biex jidher sew fir-ritratt raġel b'ilbies pulit u b'żarbun abjad. X'aktarx li dan kien jew l-Imgħallem li ħadem dan l-Ark jew il-Benefattur tiegħu. It-tfal miġbura jidru kważi kollha ħafjin fil-waqt li wieħed minnhom fin-nofs fuq quddiem liebes bil-glekk, bis-sidrija u bl-ingravata b'kollox. Uħud mill-irgiel li hemm fuq kull naħa tal-kantuniera tat-triq jidhru ħafjin ukoll fil-waqt li l-ħwejjeġ tagħhom huma komuni. L-Irġiel li jidru fuq wara tar-ritratt x'aktarx li huma l-membri ta'xi kumitat li kien jieħu ħsieb jagħmel il-Festa, lebsin bil-ġlekk u l-ingravata, uħud jgħollu l-beritta 'l fuq għar-ritratt fil-waqt li wieħed minnhom qiegħed iżomm il-fuq palma.

Ritratt li jagħtina xena nteressanti ta' kif kienu jiċċelebraw dawn il-Festi n-nies ta' din il-lokalita' taż-Żejtun fis-snin tletin tas-seklu għoxrin. Snin meta l-Poplu ma tantx kellu flus fil-but u wisq aktar il-moħħ li jonfoq il-flus f'armar bħal dan.

"Ritratt li jagħtina xena nteressanti ta' kif kienu jiċċelebraw dawn il-Festi n-nies ta' din il-lokalita' taż-Żejtun"

Fil-Prezent il-Festa ta' Santa Katarina taż-Żejtun hija waħda minn dawk il-Festi l-kbar li jsiru waqt l-Istagun tal-Festi. Jekk wieħed jara dan ir-ritratt ta' ħafna snin ilu b'dan it-tip ta' Armar għandu jirraġuna li dak li jintrama l-lum kellu żerriegħa tajba biex nibet u kiber għad daqs li huwa l-lum.

IL-FESTA T-TAJBA LILL KULLHADD. ■

*Mario Fenech*





# Lickin Meals

**Issibuna fil-festi kif ukoll fix-xitwa nhar ta' Ħadd il-monti u f'xi attivitajiet oħra, b'ikel dejjem frisk u ġenwin u bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd**

**Naċċettaw attivitajiet matul is-sena kollha.**
**Tel: 7926 8093 Chris**

**Il-Proprjetarju jixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd.**